*Jaqbdu bħal ġenn . . . idur, idur mal-kamra,*
*jisma' t-twerżieq tal-lhud jitolbu mewtu,*
*ħsejjes ta' swat, ħartiet u daqq ta' mrietel*
*idamdmu f'moħħu . . .*

*Jilmaħ Barabba, jilmaħ Kajfa, Erodi,*
*f'żifna ta' xjaten qalb twenwin ta' rwiefen,*
*jidħku, jifirħu, jobżqu w iżebilħu*
*in-Nazzarenu . . .*

*Jaħbi wiċċu fl-imħadda . . . jqum . . . jitqalleb . . .*
*jitlob mistrieħ għad-dieq li rabat moħħu*
*bħal klil ta' xewk . . . Iħoss jagħfas fuq dahru*
*bħal zokk ta' siġra . . .*

*Sejjaħ irsir iġiblu buqar ilma*
*Pilatu w beda f'rogħda jaħsel, jogħroq*
*idejh . . . jaħsel u jogħroq . . . Fl-istess siegħa,*
*wil-jum . . . kull sena,*

*baqa' Pilatu idejh jogħroq ġo l-ilma*
*aħmar bid-demm u Wiċċ bix-xewk imkellel*
*jidher fil-mewġa jħares lejh bħal jitlob*
*il-ħaqq ta' mewtu . . .*

Ramle — Israel — Fr. JOSEPH CREMONA, O.F.M.

## SAQAJN IMBERRHIN

*Saqajn imberrħin*
*ta' żagħżugħ*
*fqir. . . għani*
*bilqiegħda mistrieħ*
*fuq il-magħqad artab*
*ta' xarabank. . .*

*Jien tifel il-faqar;*
*daqs il-għani l-jedd*
*nagħti bil-ħarta.*
*Fil-misraħ tar-raħal*
*ksibt in-nifs tal-ħelsien*
*fil-għajta mgħaddba għalik.*

*Min int għalija*
*ħlief il-JIEN?*
*Nifsek x'jiswa għalija*
*ħlief intiena moqżieża?*
*Demmek x'inhu għalija*
*ħlief tixrid aħmar?*

*Jien tifel il-faqar:*
*fil-qawwa ta' driegħi*
*għani daqs il-għonja;*
*flusi muftieħ tad-deheb*
*jaqbel għal kull qofol,*
*intiegħem il-jedd ta' serħan qalbi.*

*Warrab; itlaq; mur:*
*hawn jien il-mulej.*
*Int min int għalija?*
*Ma għandix għalfejn naqsam miegħek*
*il-jedd tal-aħwa mgħannqin flimkien,*
*ħlief fit-tbahrid ta' demm sħun.*
*Il-jedd tiegħek fejn hu?*
*Jekk issemmih noħonqok.*
*Fil-misraħ tar-raħal tliftu,*
*u rbaħt jien, Jien, JIEN.*
*Il-għajta tar-rebħa għajjatna bħal Aħwa;*
*is-saltna tar-rebħa rridha Jien għalija.*

Ottubru 1963

ANTON AGIUS MUSCAT

## IX-XEMX

Kollox jarġa' jieħu l-ħajja,
Hekk kif tarġa' fuqna x-xemx.

*Ikun għadek, fil-għodu, moħbija*
*Taħt ix-xefaq imżewwaq b'ilwien,*
*X'ħin int tagħti t-tilqima tal-ħajja,*
*U jistejqer mill-mard il-ħolqien.*

*Ikun għab swied il-qalb ta' fl-għaxija,*
*U l-uġigħ ta' mitt imma jkun tar,*
*Ikun għereq fin-ngħas ta' lejl ħiemed*
*Dak li qanqal il-moħħ tul in-nhar.*

*U l-alwetta tispara ġol-arja*
*B'dik il-ħeffa li għajja ma tafx,*
*U il-medda ta' riġel il-bniedem*
*Taqbad ritmu li mejt ma jagħrafx.*

*Jista' jkun illi l-moħħ jerġa jagħja*
*X'ħin mad-dalma il-lejl jerġa' jsir;*
*Jista' jkun illi l-qalb terġa' tofroħ*
*Bl-ilmijiet tal-imrar u t-taħsir.*

*Iżda x-xemx terġa' tkeċċi u ġġedded,*
*Terġa' tbus il-għoljiet u l-widien.*
*Għax jien biss fost kemm nara madwari*
*Hekk inħossni fi tlugħek għajjien?*

CHARLES VELLA